2024/2065

26.7.2024

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2024/2065

tas-26 ta' Lulju 2024

li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 1183/2005 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1183/2005 tat-18 ta' Lulju 2005 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 9(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fit-18 ta' Lulju 2005, il-Kunsill adotta r-Regolament (KE) Nru 1183/2005.

(2) Wara evalwazzjoni taċ-ċirkostanzi rilevanti u fid-dawl tal-gravità tas-sitwazzjoni fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo, il-Kunsill iqis li jenħtieġ li jiżdiedu disa' persuni u entità waħda mal-lista ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet u korpi li tinsab fl-Anness Ia tar-Regolament (KE) Nru 1183/2005.

(3) Għalhekk, jenħtieġ li l-Anness Ia tar-Regolament (KE) Nru 1183/2005 jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness Ia tar-Regolament (KE) Nru 1183/2005 huwa emendat skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' Lulju 2024.

Għall-Kunsill

Il-President

BÓKA J.

[1] ĠU L 193, 23.7.2005, p. 1.

ANNESS

L-Anness Ia tar-Regolament (KE) Nru 1183/2005 huwa emendat kif ġej:

(1) il-persuni li ġejjin jiżdiedu mat-Taqsima A (“Persuni”):

	Isem	Informazzjoni ta’ Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
“27.	Benjamin MBONIMPA	Funzjoni/grad: Segretarju Eżekuttiv tal-Moviment tat-23 ta’ Marzu / l-Armata Rivoluzzjonarja Kongoliża (M23/ARC), Superviżur tas-segretarjat permanenti tal-Alliance Fleuve Congo Sess: raġel	Benjamin Mbonimpa għandu pożizzjoni ewlenija bħala Segretarju Eżekuttiv tal- M23/ARC, grupp armat mhux governattiv li jopera fil-Lvant tar-RDK. L-M23/ARC isostni l-konflitt armat, l-instabbiltà u n-nuqqas ta’ sigurtà fir-RDK, b’mod partikolari permezz tal-inċitament tal-vjolenza. Barra minn hekk, huwa responsabbli għal abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż qtil, attakki u vjolenza sesswali kontrihom. Minħabba l-pożizzjoni ewlenija tiegħu fl-M23/ARC, Benjamin Mbonimpa huwa għalhekk involut fl-ippjanar, id-direzzjoni jew it-twettiq ta’ atti li jikkostitwixxu ksur jew abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem fir-RDK. Huwa responsabbli wkoll għas-sostenn tal-konflitt armat, l-instabbiltà u n-nuqqas ta’ sigurtà fir-RDK.	26.7.2024
28.	Justin Gacheri MUSANGA	magħruf ukoll bħala Gaceri MUSANGA, CS BRAVO SIERRA, BRAVO THREE Funzjoni/grad: Brigadier Ġenerali tal- Moviment tat-23 ta’ Marzu / l-Armata Rivoluzzjonarja Kongoliża (M23/ARC) Post tat-twelid: Masisi, DRC Sess: raġel Missier: Erasto NTIBATURANA (Mexxej konswetudinarju tal-Hutu f’BUSUMBA)	Justin Gacheri Musanga għandu pożizzjoni ewlenija bħala Brigadier Ġenerali tal-M23/ARC, grupp armat mhux governattiv li jopera fil-Lvant tar-RDK. L-M23/ARC isostni l-konflitt armat, l-instabbiltà u n-nuqqas ta’ sigurtà fir-RDK, b’mod partikolari permezz tal-inċitament tal-vjolenza. Barra minn hekk, huwa responsabbli għal abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż qtil ta’ persuni ċivili, attakki u vjolenza sesswali kontrihom, kif ukoll reklutaġġ ta’ tfal. Minħabba l-pożizzjoni ewlenija tiegħu fl-M23/ARC, Justin Gacheri Musanga huwa għalhekk involut fl-ippjanar, id-direzzjoni jew it-twettiq ta’ atti li jikkostitwixxu ksur jew abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem fir-RDK. Huwa responsabbli wkoll għas-sostenn tal-konflitt armat, l-instabbiltà u n-nuqqas ta’ sigurtà fir-RDK.	26.7.2024

	Isem	Informazzjoni ta' Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
29.	Pierre Celestin RURAKABIJE	magħruf ukoll bħala Guillaume NGABO, Bagdad, Simba Guillaume, Samba Guillaume, Ngabo Simba, Logutenent Kurunell Funzjoni/grad: Viċi Kmandant tal-'Commando de recherche et d'action en profondeur' (CRAP) tal-Forces Démocratiques pour la Libération du Rwanda/Forces Combattantes Abacunguzi (FDLR/FOCA) Nazzjonalità: Rwanda Sess: raġel	Pierre Celestin Rurakabije għandu pożizzjoni ewlenija bħala mexxej Viċi Kmandant fil-Forzi Demokratiċi għal-Liberazzjoni tar-Rwanda - Forces Combattantes Abacunguzi (FDLR-FOCA), grupp armat mhux governattiv li jopera fil-Lvant tar-RDK. B'mod partikolari, huwa l-Viċi Kmandant tal-'Commando de recherche et d'action en profondeur' (CRAP) tal-FDLR-FOCA – meqjus bħala l-unità commando u tal-intelligence tal-grupp armat. L-FDLR-FOCA huma grupp armat fil-biċċa l-kbira Hutu, li wħud mill-mexxejja tiegħu ħadu sehem fil-ġenoċidju tal-1994 fir-Rwanda. L-FDLR-FOCA, inkluż l-unità CRAP, jikkontribwixxu għall-konflitt armat, l-instabbiltà u n-nuqqas ta' sigurtà fir-RDK, b'mod partikolari permezz ta' vjolenza u abbuży serji tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż attakki fuq persuni ċivili, qtil, vjolenza kontra t-tfal, stupri u atti oħra ta' vjolenza sesswali. Minħabba l-pożizzjoni ewlenija tiegħu fl-FDLR, Pierre Celestin Rurakabijeis huwa għalhekk involut fl-ippjanar, id-direzzjoni, jew it-twettiq ta' atti li jikkostitwixxu ksur jew abbuży serji tad-drittijiet tal-bniedem fir-RDK. Huwa responsabbli wkoll għas-sostenn tal-konflitt armat, l-instabbiltà u n-nuqqas ta' sigurtà fir-RDK.	26.7.2024

	Isem	Informazzjoni ta' Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
30.	Gustave KUBWAYO	magħruf ukoll bħala Sirkoof, Surkoof, Sirkoff, Surcouf, Surcoff, Surcof, Surkouf, Syrkoff, Modeste, Slycove, Colonel Funzjoni/grad: Kmandant tal-'Commando de recherche et d'action en profondeur' (CRAP) tal-Forces Démocratiques pour la Libération du Rwanda/Forces Combattantes Abacunguzi (FDLR/FOCA) Post tat-twelid: Karago municipality, Gisenyi prefecture, Rwanda; jew Nyabihu District, Western province, Rwanda Nazzjonalità: Rwanda Sess: raġel	Gustave Kuwayo għandu pożizzjoni ewlenija bħala Kmandant fil-Forzi Demokratiċi għal-Liberazzjoni tar-Rwanda – Forces Combattantes Abacunguzi (FDLR-FOCA), grupp armat mhux governattiv li jopera fil-Lvant tar-RDK. Huwa jmexxi l-unità speċjali 'Commando de recherche et d'action en profondeur' (CRAP) tal-FDLR-FOCA – meqjusa bħala l-unità commando u tal-intelligence tal-grupp armat. L-FDLR-FOCA huma grupp armat fil-biċċa l-kbira Hutu, li wħud mill-mexxejja tiegħu ħadu sehem fil-ġenoċidju tal-1994 fir-Rwanda. Il-ġellieda tal-FDLR-FOCA, inkluż l-unità CRAP, wettqu stupri u atti oħra ta' vjolenza sesswali u qatlu persuni ċivili. L-FDLR-FOCA huma sistematikament involuti f'sekwestri għal riskatti, detenzjonijiet u eżekuzzjonijiet arbitrarji ta' persuni ċivili u r-reklutaġġ ta' ġellieda tfal. Il-grupp armat huwa involut ukoll fil-qtugħ illegali tas-siġar għall-injam, l-isfruttament ta' riżorsi naturali bħall-faħam u t-taxxi miġbura illegalment fil-punti ta' kontroll. Fil-pożizzjoni tiegħu bħala Kmandant tal-unità CRAP, Gustave Kubwayo huwa involut fit-twettiq ta' atti li jikkostitwixxu ksur jew abbuż serji tad-drittijiet tal-bniedem fir-RDK. Huwa responsabbli wkoll għas-sostenn tal-konflitt armat fir-RDK.	26.7.2024

ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2024/2065/oj

	Isem	Informazzjoni ta' Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
31.	Jean Claude HABYARIMANA MBITSE	magħruf ukoll bħala Jules MULUMBA, Habyarimana Mbitshemunda Funzjoni/grad: Kelliem tal-'Collectif des mouvements pour le changement/Forces de défense du peuple' (CMC-FDP), Kelliem tal-VDP u Uffiċjal ta' Kollegament Post tat-twelid: Rugari Groupement, Rutshuru Territory, North Kivu province, DRC Indirizz: Bujumbura, Burundi Nazzjonalità: Kongoliż Sess: raġel	Jean Claude Habyarimana Mbitse għandu pożizzjoni ewlenija bħala kelliem tal-'Collectif des mouvements pour le changement/Forces de défense du peuple' (CMC-FDP), grupp armat mhux governattiv li jopera fil-Lvant tar-RDK. Barra minn hekk, Jean Claude Habyarimana Mbitse għandu pożizzjoni ewlenija bħala kelliem u uffiċjal ta' kollegament tal-hekk imsejħa 'Wazalendo' jew 'Volontaires pour la Défense de la Patrie' (VDP), koalizzjoni ta' gruppi armati mhux governattivi li joperaw fil-Lvant tar-RDK li tiġġieled kontra l-koalizzjoni tal-M23/RDF/AFC. Is-CMC-FDP u l-VDP isostnu l-konflitt armat, l-instabbiltà u n-nuqqas ta' sigurtà fir-RDK, b'mod partikolari permezz tal-inċitament tal-vjolenza. B'mod partikolari, il-ġellieda ta' CMC-FDP u VDP wettqu ksur u abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem kontra persuni ċivili. Pereżempju, il-kumbattenti tal-VDP huma sistematikament involuti f'ħtif ta' persuni għal riskatt, tortura, stupru, detenzjonijiet arbitrarji u eżekuzzjonijiet ta' persuni ċivili, u r-reklutaġġ ta' kumbattenti tfal. Minħabba l-pożizzjoni ewlenija tiegħu fis-CMC-FDP u l-VDP, Jean Claude Habyarimana Mbitse huwa għalhekk involut fl-ippjanar, id-direzzjoni, jew it-twettiq ta' atti li jikkostitwixxu ksur jew abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem fir-RDK. Huwa responsabbli wkoll għas-sostenn tal-konflitt armat, l-instabbiltà u n-nuqqas ta' sigurtà fir-RDK.	26.7.2024

	Isem	Informazzjoni ta' Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
32.	Dominique KAMANZI NDARURUTSE	magħruf ukoll bħala Domi, Dominique NDARURUTSE, Général, Dominique NDARUHUTSE Funzjoni/grad: Kmandant tal-Collectif des Mouvements pour le Changement-Forces de Défense du Peuple (CMC-FDP) Data tat-twelid: 1982 Post tat-twelid: Kashavu, Bukombo Groupement, Rutshuru Territory, North Kivu province, DRC Nazzjonalità: Kongoliż Sess: raġel	Dominique Kamanzi Ndarurutse huwa Kmandant tal- 'Collectif des Mouvements pour le Changement-Forces de Défense du Peuple' (CMC-FDP), grupp armat attiv fil-Lvant tar-RDK u parti mill-hekk imsejħa 'Wazalendo' jew 'Volontaires pour la Défense de la Patrie' (VDP) li jikkonsistu mill-forzi armati Kongoliżi (FARDC) u diversi gruppi armati oħra. Din il-koalizzjoni tiġġieled kontra l-koalizzjoni tal- Moviment tat-23 ta' Marzu/l-Armata Rivoluzzjonarja Kongoliża (M23/RDF) u 'l-Alliance Fleuve Congo' (AFC) fil-Lvant tar-RDK u kienet involuta fi ksur tad-drittijiet tal-bniedem. Is-CMC-FDP u l-VDP isostnu l-konflitt armat, l-instabbiltà u l-insigurtà fir-RDK, b'mod partikolari permezz tal-inċitament għall-vjolenza. B'mod partikolari, il-kumbattenti ta' CMC-FDP u VDP wettqu ksur u abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem kontra persuni ċivili. Pereżempju, il-kumbattenti tal-VDP huma sistematikament involuti f'ħtif ta' persuni għal riskatt, tortura, stupru, detenzjonijiet arbitrarji u eżekuzzjonijiet ta' persuni ċivili, u r-reklutaġġ ta' kumbattenti tfal. Bħala Kmandant tas-CMC-FDP, Dominique Kamanzi Ndarurutse jopera l-kmand militari tagħha u għalhekk huwa involut fit-twettiq ta' atti li jikkostitwixxu ksur u abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem fir-RDK. Bħala mexxej tas-CMC-FDP, huwa responsabbli wkoll għas-sostenn tal-konflitt armat, l-instabbiltà u l-insigurtà fir-RDK.	26.7.2024

	Isem	Informazzjoni ta' Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
33.	Amigo KIBIRIGE	magħruf ukoll bħala Kibirige Muhammand, Mzee Amigo, Simba Amigo, Marine Funzjoni/grad: Kmandant tal-Forzi Demokratiċi Alleati Data tat-twelid: bejn l-1975 u l-1979 Post tat-twelid: Masaka, Uganda Nazzjonalità: Uganda Sess: raġel	Amigo Kibirige huwa Kmandant tal-Forzi Demokratiċi Alleati (ADF). ADF huwa grupp armat mhux governattiv li jopera fl-Uganda u fil-Lvant tar-RDK. Amigo Kibirige ġie identifikat bħala wieħed mill-kmandanti ewlenin tal-ADF li joperaw f'Mwalika. L-ADF isostnu l-konflitt armat, l-instabbiltà u n-nuqqas ta' sigurtà fir-RDK (b'mod partikolari fil-provinċji ta' Ituri u fit-Tramuntana ta' Kivu), pereżempju b'attakki fuq persuni ċivili. Barra minn hekk, huwa responsabbli għal abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż attakki kontra persuni ċivili, qtil u sekwestri. Minħabba l-pożizzjoni ewlenija għolja bħala Kmandant tal-ADF, Amigo Kibirige huwa involut fl-ippjanar, id-direzzjoni jew it-twettiq ta' atti li jikkostitwixxu ksur jew abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem fir-RDK. Huwa responsabbli wkoll għas-sostenn tal-konflitt armat, l-instabbiltà u n-nuqqas ta' sigurtà fir-RDK.	26.7.2024

	Isem	Informazzjoni ta' Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
34.	Augustin MIGABO	Funzjoni/grad: Kurunell, Viċi Kmandant tal-Kmand tal-Forza Speċjali tal-Forza tad-Difiża tar-Rwanda (RDF) Data tad-twelid: Marzu 1968 Post tat-twelid: Burundi Nazzjonalità: Rwanda Numru ta' servizz militari: 1574 Sess: raġel	Il-Korunell Augustin Migabo għandu pożizzjoni ewlenija bħala Viċi Kmandant tal-Kmand tal-Forza Speċjali tad-Difiża tar-Rwanda (RDF), skjerata fir-RDK minn Mejju 2022, b'mod aktar speċifiku fir-reġjun tat-Tramuntana ta' Kivu. L-objettiv tal-preżenza tal-RDF fir-RDK huwa li ssaħħaħ l-operazzjonijiet tal-Moviment 23 ta' Marzu/l-Armata Rivoluzzjonarja Kongoliża (M23/ARC), grupp armat mhux governattiv li jopera fil-Kongo tal-Lvant billi jipprovdi truppi u ekwipaġġ. Il-preżenza tal-RDF tikkostitwixxi ksur tal-integrità territorjali tar-RDK. Issostni wkoll il-konflitt armat, l-instabbiltà u l-insigurtà fir-reġjun kif ukoll l-abbużi u ksur serji tad-drittijiet tal-bniedem imwettqa minn membri tal-M23/ARC. Minħabba l-pożizzjoni ta' tmexxija tiegħu fi ħdan it-truppi RDF preżenti fir-RDK, Augustin Migabo huwa responsabbli għas-sostenn tal-konflitt armat, instabbiltà u insigurtà tar-RDK. Huwa responsabbli wkoll għall-għoti ta' appoġġ lill-grupp armat M23/ARC, li jsostni l-konflitt armat, l-instabbiltà u l-insigurtà fir-RDK, b'mod partikolari billi jipprovdilha truppi u tagħmir.	26.7.2024

	Isem	Informazzjoni ta' Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
35.	Corneille NANGAA YOBELUO	Funzjoni/grad: Fundatur, mexxej u koordinatur politiku tal-'Alliance Fleuve Congo' (AFC) Data tat-twelid: 9.7.1970 Post tat-twelid: Bagboya, Wamba Territory, Haut-Uele Province, DRC Nazzjonalità: Kongoliż Numru tal-passaport: DP0000149, DP0003850 Sess: raġel	Corneille Nangaa Yobeluo għandu pożizzjoni ewlenija bħala fundatur, mexxej u koordinatur politiku tal-'Alliance Fleuve Congo' (AFC), moviment politiku-militari li jopera fil-Lvant tar-RDK u assoċjat fil-miftuħ ma' diversi gruppi armati mhux governattivi, inkluż il-Moviment 23 ta' Marzu/l-Armata Rivoluzzjonarja Kongoliża (M23/ARC). Diversi gruppi armati mhux governattivi, inkluż il-M23/ARC, iffaċilitaw il-konflitt armat, l-instabbiltà u n-nuqqas ta' sigurtà fir-RDK, bl-appoġġ tal-AFC. Billi tappella pubblikament u ripetutament għat-twaqqigħ militari u vjolenti tal-gvern Kongoliż, l-AFC tinċita wkoll il-vjolenza. Minħabba l-pożizzjoni ta' tmexxija tiegħu bħala fundatur, mexxej u koordinatur politiku tal-AFC, Corneille Nangaa Yobeluo huwa għalhekk responsabbli għas-sostenn tal-konflitt armat, l-instabbiltà u l-insigurtà fir-RDK. Huwa wkoll responsabbli għall-għoti ta' appoġġ lill-grupp armat M23/ARC, li jsostnu l-kunflitt armat, l-instabbiltà u l-insigurtà fir-RDK, b'mod partikolari billi ffurmaw alleanza u billi jaħdmu fil-viċin mal-M23/ARC.	26.7.2024"

(2) l-entità li ġejja tiżdied mat-Taqsima B (“Entitajiet”):

	Isem	Informazzjoni ta’ Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
“1.	Alliance Fleuve Congo (AFC)	Data tal-ħolqien: 15.12.2023 Post tal-ħolqien: Kenya	L-‘Alliance Fleuve Congo’ (AFC) hija moviment politiku-militari li jopera fil-Lvant tar-RDK u huwa assoċjat fil-miftuħ ma’ diversi gruppi armati mhux governattivi, inkluż il-Moviment 23 ta’ Marzu/l-Armata Rivoluzzjonarja Kongoliża (M23/ARC). Diversi gruppi armati mhux governattivi, inkluż M23/ARC, iffaċilitaw il-konflitt armat, l-instabbiltà u n-nuqqas ta’ sigurtà fir-RDK, bl-appoġġ tal-AFC. Billi tappella pubblikament u ripetutament għat-twaqqigħ militari u vjolenti tal-gvern Kongoliż, l-AFC tinċita wkoll il-vjolenza. L-AFC hija għalhekk responsabbli għas-sostenn tal-konflitt armat, l-instabbiltà u l-insigurtà fir-RDK. L-AFC hija responsabbli wkoll għall-għoti ta’ appoġġ lill-grupp armat M23/ARC, li jsostni l-konflitt armat, l-instabbiltà u l-insigurtà fir-RDK, b’mod partikolari billi jifforma alleanza u ħadem mill-qrib mal-M23/ARC.	26.7.2024”

ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2024/2065/oj